MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 495/1997/1

**Micallef Insurance Agency Limited u dina bhala agent tas-socjeta` assiguratrici estera Independent Insurance Company Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Debono sia bil-polza u sia bil-ligi**

**Vs**

**Gemal Ali**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fil-waqt li l-vettura numru ta' registrazzjoni U-4538 kienet qed tigi misjuqa nhar il-31 ta' Dicembru, 1995 f'St. Andrews Road, San Giljan, sfat involuta f'kollizjoni

ma’ vettura AD 540 PD misjuqa mill-konvenut Gemal Ali (Dok. A);

Premess illi ghall-istess incident kien unikament responsabbli l-istess konvenut stante imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Premess illi in vista ta’ polza ta’ assikurazzjoni *comprehensive*, is-socjeta` attrici kellha taghmel fronti ghad-danni subiti mill-assigurat taghha, u ghal-liema tinsab surrogata sia bil-polza u sia bil-ligi;

Premess illi s-socjeta` attrici hallset is-somma ta’ tlett elef, hames mija u tmienja u tletin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm3538.45,0) (Dok. B, C u D);

Premess illi ghalkemm interpellat biex ihallas huwa baqa’ inadempjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikkjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fil-31 ta’ Dicembru, 1995 meta filwaqt li kien qed isuq vettura AD 540 PD f’St. Andrews Road, San Giljan, baqa’ diehel go vettura U-4538, stante imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta’ tlett elef, hames mija u tmienja u tletin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm3538.45,0) pagabbli lis-socjeta` attrici bhala danni konsegwiti minnha mhallsa lill-assigurat taghha Joseph Debono in vista ta’ polza ta’ assikurazzjoni *comprehensive* u ghal liema tinsab surrogata sia bil-polza u sia bil-ligi jew kull somma verjuri ohra occorrendo permess ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett elef, hames mija, tmienja u tletin lira u

hamsa u erbghin centezmi (Lm3538.45,0) ghal-liema tinsab surrogata sia bil-polza u sia bil-ligi in vista ta' polza ta' assikurazzjoni *comprehensive*;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 29 ta' Novembru 1996, u dik prezentata kontestwalment, u bl-interessi mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat permezz tal-procedura ta' l-affissjoni, baqa' ma pprezentax in-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Il-fatti f'din il-kollizjoni huma pjuttost semplici:-

Is-sewwieq assikurat tas-socjeta` attrici kien qed isuq karozza tal-marka Renault, niezel minn St. Andrews Road, meta f'daqqa wahda minn triq laterali fuq ix-xellug fegget il-vettura misjuqa mill-konvenut, laqtet il-car tieghu u bid-daqqa mbuttatu fid-direzzjoni ta' hajt n-naha l-ohra tat-triq;

Id-dinamika ta' dan l-incident hi sostnuta kemm minn dak li xehed Joseph Debono (fol. 57) kif ukoll mill-kopja ta' l-iskizz (fol. 51) li jillustra sew kif zvolga l-incident;

F'din il-kawza l-konvenut baqa' kontumaci. B'danakollu din il-Qorti hi sodisfatta li l-fattur kontributur tal-habta kien il-mod inaspettat u inkonsult kif il-konvenut *ex abrupto* u

b'velocita`, espress mill-precitat xhud bil-kliem "kemm timxi", hareg ghal fuq it-triq principali u sab ma' wiccu lis-sewwieq Debono. Kien dan il-kawza prossima u immedjata tas-sinistru u li ta lok ghall-event dannuz;

Jirrizulta illi bl-impatt il-vettura ta' l-assikurat tas-socjeta` attrici ssubiet "*total loss*". Dan hu hekk konfermat mix-xhud Emanuel Galea (fol. 59) li stqarr ukoll illi fuq il-fehma tas-*surveyor* l-assikurat gie rizarcit is-somma ta' tliet elef u hames mitt lira Maltija (Lm3500);

Effettivament is-*surveyor* Natalino Agius jistabilixxi fir-rapport tieghu (fol. 12) illi l-vettura assikurata garrbet "*extensive damage*". Huwa iddetermina wkoll illi l-*pre-accident value* tal-*car* kien erbat elef u tmien mitt lira Maltija (Lm4800) filwaqt lil-valur tar-*wreck* kien ta' cirka disa' mija u hamsin lira Maltija (Lm950);

Konformament ma' kazistika pacifika l-Qorti hi sodisfatta illi "fejn il-karozza tigi konsiderata bhala *total loss* allura l-attur hu ntitolat jigbor minghand il-konvenut id-differenza bejn il-valur ta' l-istess karozza qabel l-incident u l-valur taghha wara l-incident ghax dawk huma d-danni li huwa sofra." ("**Farrugia –vs- Bartolo**", Appell Civili, 16 ta'Mejju 1984; "**Debono noe –vs- Bugeja**", Appell Civili, 30 ta' April 1990).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fil-31 ta' Dicembru 1995 f'St. Andrews Road, St. Julians;

Tilqa' it-tieni talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta' tliet elef hames mija tmienja u tletin lira Maltija, hamsa u erbghin centezmu (Lm3538.45,0) konsistenti fi hlas li sar lis-sewwieq Joseph Debono taht il-polza (fol. 8), *towing charges* (fol. 60) u spejjez ta' l-i*sketch* u tar-rapport;

Konsegwentement tilqa’ t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici assikuratrici s-somma hekk likwidata in linea ta’ danni, bl-interessi mid-data tac-citazzjoni (5 ta’ Marzu 1997).

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a kariku tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------